KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

10 ta' Dicembru 2012

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tal-Hdax (11)-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Hdax (11)-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm.**

Il-Hdax-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
6. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
7. Evalwazzjoni tal-offerta – FLC/T/6/12 – Architects and Works Manager
8. Evalwazzjoni tal-offerta – FLC/Q/6/12 – Cleaning of Fountains
9. Gbir ta Skart Riciklat
10. Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta lejliet l-Ewwel tas-Sena
11. Kawza Legali
12. Parking Meters / Parkegg il-Gdid fl-Arena tal-Indipendenza
13. L-Arblu ta' Pjazza Sant'Anna
14. Gnien Il-Mall
15. Saint Patrick's Day f'Balzunetta
16. Website tal-Kunsill
17. Fanali Ornamentali fi Triq l-Iljun
18. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
19. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
20. Monti tal-Hadd
21. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Hdax(11)-il laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Hollland, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 1.2.**
**Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-ghaxar (10) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezjoni ta' materja nru 1.3 li ghandha taqra "Justin Attard" minflok "Justin Tabone".

**Nota: 17:35 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezjoni ta' materja nru 6.2 li ghandha taqra "minghand" minflok "minghajr".

1.4. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru 2.5 li ghandhom jaqraw "Mark Mizzi" minflok "Dr Mark Mizzi".

1.5. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezjoni ta' materja nru 15.2 li ghandha taqra "Il-Kunsill gie nformat..."

1.6. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezjoni ta' materja nru 5.14 li ghandha taqra "Cat cafés hemm bzonnhom hdejn l-AGFA...."

1.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezjoni ta' materja nru 15.2 li ghandha taqra "Il-Kunsill gie infurmat...."

1.8 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.9 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.10 Il-minuti msemmija f'1.8 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.1 (10) fejn informa li l-quddiesa kienet ser issir nhar il-Hadd 2 ta' Dicembru 2012 fid-9.00am. Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk din hux ser tahbat mal-fun run tal-president izda s-Sindku Nigel Holland wiegeb li generalment il-fun run issir iktar tard.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.3 (10) u saqsa jekk kienx ghad hemm risposta. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li kien ghadu ma vverifikax izda kellu jaghmel dan f'qasir zmien.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.4 (10) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s'issa kien ghad m'hemmx zviluppi minhabba li kien ghad m'ghandux approvazzjoni ghall-extension. Huwa zied jghid li min-naha tal-Kunsill

kienet saret it-talba li ma kinietx giet accettata minhabba li ma kienx hemm konsensus ghat-transferiment ta fondi bejn il-pajjizi. Ghalhekk, il-Kunsill kien rega' ghamel talba ohra u kien qed jistenna l-approvazzjoni qabel ma jipprocedi. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward il-fondi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li f'kaz li l-Kunsill ma jilhaqx xi ghanijiet tal-progett jista' jaghti l-kaz li jigi mitlub jirrimborsi xi fondi izda assigura li l-Kunsill dejjem kien konsistenti u ma jhossx li l-ghanijiet tal-progett ma gewx milhuqa.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.5 (10) u saqsa kienx hemm zviluppi rigward l-ghazla ta' zewgt itfal biex jiehdu sehem fl-akkademja ta' Justin Haber. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li s-Sur Mark Mizzi kien ghadu ma rrispondiex ghall-korrispondenza tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li ser tinzamm laqgha mas-Sur Mizzi nhar it-Tnejn 3 ta' Dicembru 2012. Huwa zied jghid ukoll li matul il-laqgha kien ser jinformah bil-proposti godda mressqa mill-Kunsill kif ukoll bil-modifika ta' kif ser jinhadmu l-kontijiet tad-dawl. Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx hemm bzonn li l-Kunsill jerga' jiddiskuti l-materja tat-tabella li kienet twahhlet mill-Akkademja mal-bieb tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti dan fil-materja ta' Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.11 (10) u nforma lill-Kunsill li wara li kien tkellem mas-sid tat-22nd January, kien gie miftiehem li ssir planter tal-concrete fi Triq San Publju. Il-Kunsill qabel li apparti d-disa' planters ordnati, il-Kunsill ghandu jordna zewg planters ohra.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 5.8 (10) u saqsa kienx hemm zviluppi fuq il-kwistjoni. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din il-materja kienet qeghda fuq l-agenda u ghalhekk ghandha tigi diskussa f'waqtha.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 5.15 (10) u saqsa x'kien sar u kif kien baqa' l-Kunsill mal-Inginier Rapa. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kellux rapporti li l-gnien kien qed jintefa' u jidher li s-sistema tad-dawl kienet qed tiffunzjona kif suppost.

2.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li Gnien Sir Luigi Preziosi kien qed ikun mitfi ta' sikwit. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghandu jiccekkja mal-kuntrattur li kien qed jiehu hsieb is-sistema tad-dawl tal-gnien sabiex jigi vverifikat ghalfejn qed jintefa'.

2.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.5 (10) u saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien baghtilhom ittra bil-miktub fejn informahom bid-decizjoni mittiehda mill-Kunsill. Huwa zied jghid li issa kien qed jistenna risposta minghandhom.

2.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.9 (10) u saqsiet rigward il-kjarifikazzjoni tas-Sur Charles Bonello. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien qed jistenna risposta minghandu.

2.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.7 (10) u saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din il-materja kienet qeghda fuq l-agenda u ghalhekk kellha tigi diskussa f'waqtha.

2.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 6.3 (10) u saqsiet jekk kienietx inharget id-default notice u jekk il-kuntrattur kienx irregolarizza ruhu mal-kuntratt li ghandu mal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li din il-materja ser tigi diskussa f'komunikazzjonijiet mis-Sindku minhabba li kien hemm korrispondenza minghand il-kuntrattur.

2.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 16.16 (10) u saqsiet jekk il-Kunsill kienx ivverifika jekk kienx hemm xi haga dwar is-siggijiet li hemm barra l-gabbana

tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V inkluza fit-tender. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kien hemm xejn rigward dan fid-dokument tat-tender.

2.14 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja nru 5.16 (10) u saqsa jekk din kinietx saret. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li d-dokument tat-tender kien lest izda kien qed jistenna l-approvazzoni minn GARDMED sabiex ikun jista' jmexxi fuq din il-materja.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Akkademja tas-Sur Justin Haber fejn talbu li tithalla l-canvas sign li hemm mal-grada tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma thossx li l-materja ghandha terga' tigi diskussa ladarba din kienet diga giet diskussa mill-Kunsill u kien hemm decizjoni fuqha. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li wara l-ahhar laqgha, il-Kunsill kien iddecieda li ghandu jaghti 24 siegha cans lis-Sur Haber sabiex din it-tabella titnehha. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformah bid-decizjoni mehuda fl-ahhar laqgha u cioe' li din it-tabella trid titnehha fi zmien erbgha u ghoxrin siegha u li f'kaz li jixtieq li din tiwahhal x'imkien iehor, ghandu jipproponi post alternattiv halli l-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-proposta tieghu.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa li f'kunsill precedenti, kien hemm decizjoni li meta jkun hemm xi attivitajiet socjali, jizdied prezz nominali mill-prezz tal-biljetti u s-somma migbura imbaghad jinghataw lill-ghaqdiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-minuti tal-kunsill precedenti sabiex jigi ddeterminat x'persentagg kien maqbul u sabiex tibda' tigi adottata din il-procedura.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien hemm xi residenti li jnizzlu oggetti ghall-bulky refuse fuq iktar minn residenza wahda u saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li ghandu jaccetta li individwu wiehed jirraporta ghas-servizz f'isem erbgha persuni jew aktar. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ladarba n-nies imnizzlin ikunu rregistrati fir-registru elettorali.

3.3.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li qed ikun hemm cirkustanzi fejn xi oggetti li jkunu mnizzlin fil-lista, ma jingabrux u jkollu jcempel ir-resident sabiex jirraporta. Hija ziedet li l-kuntrattur bhalma jirraporta affarijiet zejda li jkun gabar, jirraporta wkoll affarijiet li ma jkunx gabar ghalkemm kienu mnizzlin fil-lista ghall-kollezzjoni.

3.3.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tipproponi li l-Kunsill ghandu jaghmel monitoring sew u pproponiet li l-Kunsill jaghmel spot calls lil dawk in-nies li jkunu nizzlu xi haga ghall-kollezzjoni tal-bulky refuse sabiex jikkonfermaw jekk l-oggetti jkunux verament ingabru u dan sabiex jinqata' l-abbuz.

3.3.3 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din il-proposta kienet ser izzid piz fuq l-impjegati. Huwa ppropona li f'kazijiet fejn xi hadd mill-kunsillieri jkun cert fuq xi kaz partikolari, ghandu jikkuntattja lill-kuntrattur jew jipproponi li tinhareg default notice.

3.3.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tghid li dan kien qed johloq diversi problemi minhabba li l-oggetti li ma jingabrux kienu qed jithallew isfel jew barra u gieli anke kien hemm kazijiet fejn oggett ma giex migbur tliet darbiet wara xulxin.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Moviment Kerygma rigward il-Premju ghal Zghazugh tas-Sena fejn offrew lill-Kunsill sabiex jipproponi zghazugh li jahseb li haqqu dan il-pemju. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi lil Jordan Muscat.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand individwu li xtaq li jaghmel

progett tal-arti fejn jitwahhlu ghaxar speakers fuq il-Fosos li minnhom johorgu ilhna u hsejjes ta' attivitajiet politici, religjuzi kbar, kuncerti, ecc tal-passat u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma jipprocedi bil-progett. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din l-idea.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kuntattur Karl De Flavia fejn ressaq twegiba ghad-default notice mahruga mill-Kunsill.

3.6.1 Is-Sindku nforma li l-kuntrattur kien ressaq dokumenti ta' vettura gdida li juza biex jaghmel il-kollezzjoni tal-bulky refuse. Il-Kunsill qabel li ghandu japprova din il-vettura bhala l-vettura gdida li tintuza ghall-gbir tal-bulky refuse.

3.6.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jiehu mizuri sabiex jinqata' l-abbuz u pproponiet li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur sabiex jiffirma r-resident ghal kull gabra. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li mhux dejjem ikun prezenti r-resident.

3.6.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.3.2 fejn regghet proponiet li l-Kunsill jaghmel spot calls . Is-Sindku rega' nsista li din il-proposta ser izzid xoghol zejjed fuq l-impjegati, u allura f'dan il-kaz, il-Kunsilliera ghandom il-facilitajiet provduti u jistghu jaghmlu dawn l-ispot checks.

3.6.4 Hawnhekk inholoq battibek bejn il-Kunsilliera Davina Sammut Hili, u is-Sindku Nigel Holland, fejn il-Kunsilliera Davina Sammut Hil, irrimarkat li Nigel Holland naqas milli jaghmel id-doveri tieghu ta` Kunsillier, meta ma kienx elett Sindku f'din il-legislatura. Is-Sindku Nigel Holland qal li dan mhux minnu, u zied jghid li Davina Sammut Hili, kienet taghti biss ordnijiet meta kienet eletta Sindku temporanjament.

3.6.5 Fuq materja 3.6.3, il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel dawn l-ispot calls il-kunsillier responsabbli mill-indafa.

3.6.6 Wara li nqrat l-ittra ta' risposta tal-kuntrattur, Il-Kunsillier Matthew Paris kif ukoll il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsew jekk l-oggetti li ma gewx migbura kienux qed jinqatghu mil-lista mill-kuntrattur innifsu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kuntrattur ma jinformax meta l-oggett ma jigix migbur u ghalhekk, l-istaff irid jigi nformat mir-resident li l-oggetti ma gewx migbura biex dawn jinqatghu mil-lista.

3.6.7 Rigward il-proposta li l-karta tal-bulky refuse tibda tkun miktuba fuq il-computer u pprintjata, is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ser jahdem fuq dan is-suggeriment.

3.6.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li kontra dak li gie implikat mill-kuntrattur fl-ittra ta' twegiba, id-default notice ma kinietx inharget bla bazi ghax kien hu stess li ammetta fl-ittra tieghu li l-oggetti verament ma kienux gew migbura u thoss li l-kuntrattur ghandu jinforma lill-Kunsill li oggett ma giex migbur qabel ma jigi mressaq l-ilment mir-resident u mhux wara li l-kuntrattur ikun avvicinat mill-Kunsill.

3.6.9 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill ihossx li ghandu jigi rtirat id-default notice li gie mahrug. Il-Kunsill ma qabilx li jigi rtirat id-default notice minhabba r-ragunijiet msemmijin hawn fuq u anke minhabba li meta gie mahrug id-default notice, il-kuntrattur kien ghadu ma rregolarizzax ruhu. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb ghall-ittra ta' twegiba tal-kuntrattur.

3.6.10 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jibda' jadotta procedura bhalma jaghmel ma' kuntratturi ohrajn fejn kull ilment li jidhol jigi mghoddi lill-kuntrattur permezz ta' email u jesiegi li l-oggetti jigu migbura dakinhar li jidhol l-ilment anke jekk ma tkunx ser issir gabra.

3.6.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li t-trakk ghandu jigi mghotti jew inkella ma jithalliex ipparkjat barra fit-triq minhabba li dan ikerrah it-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekkja x'jista' jsir u jekk dan hux permess mil-ligi.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kuntrattur Karl De Flavia fejn irringrazzja lill-Kunsill talli ghal darb'ohra rega afdalu l-armar f'idejh. Huwa kompla billi nforma li kien innota li hemm xi hsarat li dwarhom kien informa lis-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-kuntrattur itih prezz ta kemm ser tigi tiswa' din l-ispiza izda l-Kunsill qabel li jekk il-kuntrattur qed jirreferi ghall-hsarat fuq l-arbli dawn m'ghandhomx jigu rrangati mill-Kunsill izda mill-Knisja.

3.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghal din il-materja fejn informa li fis-sejhiet futuri tal-Kunsill kien hemm bzonn li tibda' tigi nkluza klawsola li kull kuntrattur ghandu jkun konformi mal-health and safety regulations u dan sabiex il-Kunsill ma jinzammx responsabbli f'kaz li jinqala' xi haga. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan diga ezistenti.

3.9 Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra ufficjali lill-Arcipriet fejn tingibed l-attenzjoni ghall-mod kif gew armati l-arbli u jesiegi li l-Kunsill ladarba jhallas jistenna li x-xoghol isir sew u kif xieraq. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinformah li ser itih jumejn cans sabiex dawn jigu ddrittati u f'kaz li dawn jibqghu ma jigux irrangati, il-Kunsill ser iqabbad lil xi hadd sabiex jiddrittahom a spejjez tal-Knisja.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza rigward Skema ta' finanzjamenti ta' inizjattivi specjali u esiega li l-Kunsill jiehu hsieb japplika ghal din l-iskema. Huwa saqsa lill-Vici Sindku jekk kienitx giet diskussa l-kwistjoni tal-fossa. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-Kunsill kien qed jistenna risposta minghand Charles Bonello. Is-Segetarju Ezekuttiv wiegeb li kien gie nformat li l-materja kienet qed tigi diskussa. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata cans ta' jumejn sabiex jahseb fi progett li jista' jipproponi ghal din l-iskema qabel id-data tal-gheluq.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-dawl fi Gnien Vilhena u jidher li wara moniteragg, id-dawl kien qed jahdem sew u ma kienx qed jintefa. Is-Sindku saqsa lill-kunsillieri jekk kienx kellhom xi ilmenti huma izda hadd ma kien informat b'xi qtugh fid-dawl. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bil-pagament jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-Housing Authority.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Malta Council for the Voluntary Sector fejn informaw lill-Kunsill b'sezzjoni ta' volontarjat u talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdi post fejn tkun tista' tiltaqa' din is-sezzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprovdilhom il-bini tad-Dar tal-Kunsill b'xejn kif ukoll li jikkuntattja lill-ghaqdiet sabiex jattendu.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien tkellem mal-Ambaxxata Taljana li kienu nformawh li r-ristawr tal-monument ta' Dante Alighieri kellu jkun lest sas-6 ta' Dicembru 2012 u talbu li l-post jigi rrangat ftit sabiex ikunu jistghu jaghmlu cerimonja zghira fit-tmiem tar-ristawr. Is-Sindku zied jghid li wara li kien tkellem mal-ELC, dawn kienu nformawh li kienu ser jaghmlu mill-ahjar sabiex il-post ikun jidher prezentabbli. Is-Sindku zied jghid li l-Ambaxxata Taljana kienu talbu li jinzebagh ukoll ir-railing fil-post u ghalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill jimpjega lill-haddiema tieghu sabiex jizbghu ir-railing. Il-Kunsill qabel.

3.14 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.13 u ppropona li jinzebghu wkoll il-katini li hemm magenb il-funtana tal-iljun minhabba li ma tantx jaghtu fil-ghajn. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand resident fejn ippropona li jigi fformat grupp ta' persuni volontarji li jaghmlu xogholijiet ghand nies bi bzonn b'xejn. Huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-Knisja sabiex dan il-grupp ikun taht l-awspici tal-Kunsill. Il-Kunsill

ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jikkoordina flimkien ma' dan il-grupp bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm spejjez mill-Kunsill.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Emanuel Vella tar-Road Servicing. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill izomm ic-cekk dovut lil din il-kumpanija qabel ma l-Kunsill jara r-rizultat ahhari tax-xoghol li sar. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jikteb lil Road Servicing u jinformahom li x-xoghol ma sarx kif kien miftiehem mal-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill jirriserva kull dritt li jzomm lill-kumpanija responsabbli f'kaz li jkun hemm xi danni f'residenzi jew proprjetajiet fit-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu javvicina wkoll lill-Perit Chris Mintoff bil-preokkupazzjonijiet li ghandu l-Kunsill ta' overflows ecc. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm sprall li gie mghotti fi Triq il-Konservatorju c/w Triq l-Iljun u qal li hemm bzonn li jerga' jinkixef. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jitlob ittra iktar formali mill-Perit Chris Mintoff. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha ma' Emanuel Vella tar-Road Servicing sabiex jara kif jistghu jigu solvuti dawn il-problemi.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza fejn informa lill-Kunsill bi Skema dwar inizjattivi sportivi u saqsa jekk il-kunsillieri ghandhomx xi idea x'jista' jigi propost mill-Kunsill. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jissuggerixxi l-idea ta' outdoor gym gol-bandli. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din suppost kellha ssir mil-progett ta' GARDMED. Is-Sindku qal li l-massimu li taghti din l-iskema huwa ta' €4000 li ma jibdiex ikopri din l-ispiza. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu ftit taz-zmien cans sabiex jahseb fuq x'jista' jipproponi u jibghat l-applikazzjoni tieghu qabel id-data tal-gheluq.

**Nota: 18:58 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar decizjoni mehuda mill-Kunsill fejn il-Kunsill kien iddecieda li jitnehhew xi kotba li hemm fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li dawn ser jitnehhew mill-aktar fis. Il-Kunsillier Vincent Borg esiega li dawn jitnehhew malajr u mhux jigri bhal ma gara fejn suppost kellhom jitnehhew u baqghu fil-post.

**Nota: 19:00 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.**

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward il-laqgha li s-Sindku kellu rigward l-ARRIVA u saqsiet jekk kienx ippropona r-rotta numru 133. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien iddecieda li jikteb u jaghmel il-proposti tieghu. Is-Sindku Nigel Holland semma xi punti li qamu waqt il-laqgha inkluz wiehed mill-ilmenti li ghamlu r-residenti li l-karozzi johorgu mill-Belt Valletta diga mimlijin. Il-Kunsillier Vincent Borg informa li hu kien kiteb lill-Andrew Haig rigward il-proposta tar-rotta fejn anke talbu li r-rotta tibda' tieqaf f'nofs Triq San Frangisk anke jekk ma jkunx hemm bus stop. Huwa zied jghid ukoll li talbu jinforma lix-xufiera b'din il-waqfa gdida.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar il-laqgha li s-Sindku talab li ssir mal-Ministru George Pullicino u talbet li l-Kunsill jipproponi wkoll id-dwal ta' Gnien Herbert Ganado. Is-Sindku wiegeb li din il-proposta kienet ser titressaq ukoll.

4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg talab ukoll li ghandhom jigu proposti wkoll it-tnehhija tas-sigar li hemm quddiem Robert Samut Hall.

**Nota: 19:04 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

**Nota: 19:05 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.**

4.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kellu laqgha mal-Housing Authority fejn tkellmu rigward il-programm ta' manutenzjoni tal-blokok tal-housing. Huwa zied jghid li l-Kunsill kien identifika 38 post ta' housing u s'issa kien inbeda x-xoghol f'10 minn dawn il-postijiet. Huma kienu talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom l-ghaxar postijiet li jmiss biex fihom jitkompla x-xoghol. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din kienet l-ewwel darba li l-Kunsill kien gie mitlub jaghzel il-postijiet hu u ghalhekk il-Kunsill qabel li l-ghaxar postijiet li jmiss ghandhom jitellghu bil-polza sal-ahhar tax-xahar.

**Nota: 19:08 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jiddiskuti l-materja nru 16.0 - Website tal-Kunsill**

## 16.0 Website tal-Kunsill

**Nota: 19:11 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

**19:11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

**19:13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.**

16.1 Il-Kunsill stieden lil Stephen Barbara sabiex jitkellem ftit rigward il-websajt il-gdida tal-Kunsill.

16.2 Is-Sur Stephen Barbara spjega fid-dettall dwar id-diversi facilitajiet li ser ikollha l-websajt il-gdida tal-Kunsill fejn zar kull pagna u spjega dak kollu li seta' jsir u x'ser ikunu jinkludu dawn il-pagni.

16.3 Is-Sur Barbara spjega wkoll li apparti l-facilita' ta' guest book u users, il-Kunsill kien ser ikollu pagna ghall-merkanzija tieghu. Huwa zied jghid li dan is-sit ikun jista' jigi aggornat mill-kunsillieri jew mill-istaff kollu u dan kollu permezz ta' users u awtorizzazzjoni.

**Nota: 19:26 Is-Sindku Nigel Holland reggha irritorna ghal-laqgha.**

## 5.0 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **72-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

5.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rregistrat fil-minuti li hu kien ser jastjeni mill-pagamenti nri 21, 22, 30 u 36.

5.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11025 sa 11069, u cheque numru 111, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

5.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku, mill-Vici Sindku u minn zewg kunsillieri.

5.5 Is-Sindku Nigel Holland informa li wara l-ittri li kienu ntbaghtu mill-Avukat tal-Kunsill rigward citazzjonijiet antiki, jidher li kienu ngabru ammont sew ta' flus u l-Kunsill kien diga feda l-ispejjez legali tieghu.

5.6 Il-Kunsill qabel li t-tranche li jmiss ta' ittri, fuq suggeriment tas-Segretarju, ghandhom johorgu ffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv qabel ma tinhareg ittra mill-Avukat tal-Kunsill, dan sabiex anke jitnaqqsu l-isjjez.

5.7 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill jistax jistaqsi ghalfejn kienu qeghdin jigu mgedda licenzji ta' vetturi meta jkun hemm hafna citazzjonijiet pendenti. Is-Sindku wiegeb li din il-materja kienet qamet matul l-ahhar laqgha tar-Regjun Xlokk u kien gie nformat li kien hemm xi problemi teknici fis-sistema tal-Awtorita' tat-Trasport u kien ghalhekk li certu citazzjonijiet ma kienux jidhru u l-licenzja kienet qed tigi mdgedda xorta wahda.

## 6.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

6.1 **11/1** – *Billi tinhas il-htiega li l-kunsill lokali Floriana ikollu haddiem full time mieghu u dan il-haddiem full time jista inaqqas l-ispejjes li l-kunsill ikollu meta inqabbdu kuntrattur. Jien qed nippropona li l-kunsill jimpjega haddiem full time. Nistaw ninpjegaw wiehed mill-haddiema li fil-prezent qeghdin jahdmu fil-kunsill.*

Proponent – Davina Sammut Hili ________________________

Sekondant – Vince Borg ________________________

Datata – 16 ta' Novembru 2012

6.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-kunsillieri li kien hemm zball fil-proponent u s-sekondant u li dawn ghandhom jaqraw proponent: Vincent Borg u sekondant: Davina Sammut Hili.

6.1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jaghmel kjarifika fejn fil-mozzjoni tieghu huwa ried ifisser li jistghu japplikaw ukoll dawk l-impjegati li bhalissa qeghdin taht xi skema mal-Kunsill izda li mhux bilfors jintaghzel xi hadd minnhom.

6.1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa ghal stima ta' kemm ser jigu ffrankati flus jekk jigi impjegat haddiem tas-sengha full time mal-Kunsill.

6.1.4 Is-Sindku Nigel Holland sostna li hu kien ser jivvota kontra ghax l-ammont ta' flus li ser jigu ffrankati jidher li mhux ser jaqbez is-salarju ta haddiem full-time u ghalhekk ma jaqbilx li ghandu jigi impjegat issa meta jqis is-sitwazzjoni finanzjarja prezenti tal-Kunsill.

**Nota: 19:43 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

6.1.5 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta stima ta' kemm ser jigu ffrankati spejjez. Huwa qal li l-ammont ta' spejjez ma jammontax ghal paga ta' haddiem full time inkluz il-bonuses, izda kien ser jitinaqqas hafna mill-ispejjez li l-Kunsill ihallas lil terzi persuni.

6.1.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris zied ukoll li il-kunsill ser jigwadanja iktar hin ta xoghol biex isir xoghol iehor pendenti.

**Nota: 19:43 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

6.1.7 Il-Kunsill ha vot rigward il-mozzjoni t'hawn fuq, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, DSH, MP)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

---

6.2 **11/2 –** *Mozzjoni sabiex Triq il-Miratur (il-parti vicin is-sur) isir progett ta' tisbih ta' bankina.*

**Motivazzjoni**:

*Triq il-Miratur hija kollha komposta minn gebla tal-franka, pero hemm parti zghira ta' mhux aktar minn ghoxrien metru li hija maghmula minn tiles zghir. L-idea hija li jkun hemm uniformita fil-kompozizzjoni tal-bankina.*
*Dan ix-xoghol jista jsir min Alfio Sciberras, u l-materjal li hemm bzonn sabiex titlesta din il-parti huwa ukoll provdut, stante li jista jigi riciklat il-materjal li kien/ghad hemm fi Triq l-Argotti/Triq l-Iljun..*

Proponent – Matthew Paris ________________________

Sekondant – Anthony Brincat ________________________

Datata – 16 ta' Novembru 2012

---

6.2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jaghmel kjarifika fil-mozzjoni fejn il-gebla msemmija hija wahda tal-qawwi u mhux tal-franka kif stipulat.

6.2.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dan ix-xoghol kien hemm bzonn li jsir minhabba li din it-triq kienet estetikament kerha.

6.2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li probabilment kien ser ikun hemm bzonn ta' iktar minn persuna wahda biex taghmel dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jara meta jasal ghaliha.

6.2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li titressaq emenda fil-mozzjoni fejn dan ix-xoghol ghandu jsir mill-impjegat il-gdid li ser jimpjega l-Kunsill u mhux necessarjament mis-Sur Alfio Sciberras.

Il-Kunsill ha vot rigward din il-mozzjoni t'hawn fuq, bl-emendi mizjuda, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, NH, DSH)

Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

---

6.3 **11/3** - *Mozzjoni sabiex isir seminar fis-sede tal-kunsill ghal dawk li huma partecipi fl-iskema "Kordinatur tat-Triq".*

Proponent – Matthew Paris ________________________

Sekondant – Anthony Brincat ________________________

Datata – 16 ta' Novembru 2012

6.3.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris spjega li wara li kienu nhargu sejhiet ghal dawk interessati japplikaw sabiex ikunu amministratur tat-triq, kien hemm bzonn li l-Kunsill ilaqqa' lil dawk kollha li kienu esprimew l-interess taghhom sabiex jispjegalhom x'kien jinvolvi dan l-irwol.

6.3.2 Il-Kunsill ha vot rigward din il-mozzjoni t'hawn fuq, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

## 7.0 Evalwazzjoni tal-offerta – FLC/T/6/12 – Architects and Works Manager

7.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoi billi ressaq l-iskeda tal-offerenti.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-Perit Joe Attard kienx wiehed mill-offerenti u dan sabiex ikun jista' jiskuza ruhu mill-kamra minhabba kunflitt t'interess. Is-Sindku wiegeb li ghalkemm il-Perit Attard kien wiehed mill-offerenti, it-tender tieghu kien mitqies invalidu minhabba nuqqas ta' dokumenti pprovduti.

7.3 Il-Kunsill qabel li minhabba li r-rati ma kienux kollha cari u ghalhekk il-bord tal-evalwazzjoni ma wasalx ghall-konkluzjoni, ghandu jitlob kjarifika lil AC Bezzina rigward liem wahda mir-rati pprovduti kienet dik finali.

7.4 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss u dan sabiex ikun jista' jiehu decizjoni finali wara li jkun akkwista l-kjarifiki kollha necessarji.

## 8.0 Evalwazzjoni tal-offerta – FLC/Q/6/12 – Cleaning of Fountains

8.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi ressaq l-iskeda tal-offerenti.

8.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili irrimarkat li l-irhas offerent kien kuntrattur li diga kellu l-kuntratt taz-zamma tal-gonna pubblici u li f'dak iz-zmien kien jinkludi t-tindif tal-funtani. Hija ziedet tghid li f'dak iz-zmien, ix-xoghol fit-tindif tal-funtani ma kienx ikun soddisfacenti u l-Kunsill kien ikollu jimpjega terzi persuni sabiex jaghmlu x-xoghol, u eventwalment twaqqaflu il-kuntratt. Ghalhekk hi ziedet tghid li ma thossx li l-Kunsill ghandu jerga' jaghzel lil dan il-kuntrattur ghal dan l-istess xoghol ladarba kien diga pprova li mhux ser jaghti xoghol soddisfacenti.

8.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk fid-dokument tat-tender kienx hemm specifikat li nies li diga kellhom dan it-tender qabel u li kien gie rtirat mill-Kunsill, setghux jergghu jitfghu l-offerta' taghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kien hemm xejn li jispecifika dan.

8.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu parir legali minghand l-Avukat tieghu qabel ma jiehu decizjoni finali.

## 9.0 Gbir ta Skart Riciklat

**Nota: 20:10 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara li kien rega' tkellem mal-Greenpak dawn kienu nformawh li ma kienux interessati izidu il-hidma mal-Kunsill jekk il-Kunsill ma jeliminax ghal kollox il-gabra tal-iskart domestiku nhar ta' Tlieta u minflok joffri gabra ta' skart riciklat biss.

**Nota: 20:12 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqgha.**

9.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma taqbilx li l-gabra tal-iskart domestiku ta' nhar ta' Tlieta tinqata' u dan minhabba li thoss li jekk dan isir, kien ser jizdied l-abbuz u r-rimi barra.

9.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jekk tinqata' l-gabra tal-iskart domestiku ta' nhar ta' Tlieta jista' jaghti l-kaz li wiehed jiehu iktar inizjattiva sabiex jipprova jirricikla.

9.4 Wara li tressqet mozzjoni sabiex tinqata' l-gabra tal-iskart domestiku nhar ta' Tlieta hekk kif suggeriet mill-Greenpak u minflok il-Kunsill joffri biss gabra ta' skart riciklat, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, MP, VB)
Kontra: 1 (DSH)
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta lejliet l-Ewwel tas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li wara li kien tkellem mal-Ministru De Marco, kien informah li wahda mill-affarijiet li kienu ntweghdu lill-Kunsill wara l-proposta li l-attivita' tac-Celebrazzjoni ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena issir mal-Belt Valletta kien proprju z-zieda fil-finanzjament mill-Gvern.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalkemm il-Kunsill kien appunta lil Justin Attard bhala l-organizzatur ta' din l-attivita' u ghalhekk hafna mill-ispejjez kien qed ikoprihom hu, xorta wahda

kien jifdal xi spejjez li kien ser ikollu johrog il-Kunsill.

10.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li mill-ahhar laqgha tal-Kunsill, il-kuntratt tal-Kunsill ma’ Justin Attard kien gie ffinalizzat u ffirmat.

10.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li l-ispejjez li jridu jigu kopruti mill-Kunsill kienu ser ikunu ristretti biss ghat-tined minhabba li kull spiza ohra kienet ser tigi koperta mis-Sur Justin Attard u dan inkluz ukoll kull marketing ghall-attivita’.

10.5 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-MoU mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta kien li l-marketing kollu jsir bejn iz-zewg kunsilli flimkien.

10.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li fil-kuntratt hemm stipulat car li kull tip ta’ marketing irid jigi l-ewwel approvat mill-Kunsill Lokali Floriana qabel ma jigi mhabbar jew ippublicizzat.

10.7 Is-Sindku Nigel Holland saqsa ghal stima ta’ kemm tista’ tigi tammonta l-ispiza tal-Kunsill. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-ispejjez tal-Kunsill ma kienu xejn ghajr zewg tined li jridu jigu armati fuq il-Fosos u xi tip ta’ dawl iehor li l-Kunsill ihoss li hemm bzonn jaghmel fuq il-Fosos.

10.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara li kien tkellem ma’ Mario De Marco hu kien ippropona li l-fondi ghal din l-attivita’ johogu minn fond nazzjonali u mhux mill-stema ta` fondi ddedikati lill-Kunsilli ghall-attivitajiet ghax minn din l-iskema ser ikun hemm bzonn li l-Kunsill jakkwista kemm jista` fondi ghall-festival Nazzjonali tan-Nar ta` l-Art Mekkanizzat.

## 11.0 <u>Kawza Legali</u>

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill li l-kawza legali li nfethet kontra l-Kunsill minn Philip Attard kienet giet mirbuha a favur tas-Sur Attard mill-Bard tal-Appell. Huwa zied jghid li wara li kien tkellem mal-Avukat tal-Kunsill dan kien informah li l-Kunsill ma setax jappella mid-decizjoni minhabba li l-kawza giet mirbuha waqt li kien qed jinstema’ diga appell u li jista jsir huwa li tintalab ritrattazjoni tal-kaz.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Avukat tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista’ jitlob parir ghal attivitajiet li gejjin u xi kjarifiki ohra.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid ukoll li xtaq jistaqsi jekk hemmx bazi ghal re trial. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li wiehed irid jivverifika madankollu l-flus dovuti jridu jithallsu xorta anke jekk ikun hemm bazi ghal re trial.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa wkoll ghalfejn l-Avukat tal-Kunsill qatt ma kien informa lil Kunsill li seta’ jappella mid-decizjoni tal-Bord tal-Governanza.

11.5 Il-Kunsill qabel li sakemm jiltaqa’ mal-Avukat ghandu jilhaq johrog ic-cekk dovut lil Philip Attard, bil-kundizzjoni li s-Sur Attard ihallas dak li hu dovut lil Kunsill Lokali Floriana f’citazzjonijiet u kif ukoll li tigi ffirmata karta “in full and final settlement and with no other pending claims vs the Floriana Local Council”.

**<u>Nota: 20:35 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**

## <u>12.0 Parking Meters / Parkegg il-Gdid fl-Arena tal-Indipendenza</u>

12.1 Is-Sindku Niel Holland ippropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' xi kuntratturi li jissupplixxu parking meters bhal ma huma l-Parkwell kif ukoll l-Elbros sabiex il-Kunsill ikun jista' jara jekk ikunx interessat jinstalla parking meters fil-lokalita' tieghu.

12.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta u dan minhabba li l-parking meters kienu ser ikunu skomdi ghar-residenti kif ukoll joholqu problemi ikbar ta' parking.

12.3 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-hsieb kien li l-parking meters jitwahhlu f'toroq fil-parti ta' barra tal-Floriana biex b'hekk dawn ma jaffetwawx lir-residenti. Hu zied jghid ukoll li r-residenti xorta wahda kienu ser ikunu eskluzi mill-hlas u l-uzu ta' parking meters minhabba li dawn jinghataw permess specjali simili ta' dak li diga ghandhom sabiex jigu identifikati.

12.4 Il-Kunsill qabel b'maggoranza li ghandu l-ewwel jiltaqa' mal-kumpaniji msemmija sabiex jevalwa l-possibilitajiet tieghu qabel ma tittiehed decizjoni finali.

## 13.0 L-Arblu ta Pjazza Sant'Anna

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma l-pjanijiet li l-Kunsill kellu sabiex iwahhal arblu bil-bandiera tal-lokalita' fil-Floriana.

13.2 Is-Sindku zied jghid li kwazi l-kunsilli kollha ta' Malta kellhom arblu bil-bandiera tal-lokalita'.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li kien diga gie avvicinat minn zewg individwi li esprimew l-interess li jixtru l-arblu li l-Kunsill ghandu prezentament. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jiehu stima ta' x'jiswa' l-arblu li diga ghandu sabiex ikun jista' johrog espressjoni t'interess ghal min ikun interessat jixtrih.

13.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob kwotazzjoni ghal arblu gdid li jkun jista' jitwahhal skont kif deciz mill-Kunsill.

## 14.0 Gnien Il-Mall

14.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien tkellem mas-Sur Ronald Cuschieri tal-ELC u kien intlehaq ftehim li d-dawl ta' Gnien il-Mall jigi rrangat.

14.2 Ghalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill ma jaghmilx konferenza stampa ladarba kien intlahaq ftehim.

14.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu l-ewwel jivverifika liem dwal ser jigu rrangati.

## 15.0 Saint Patrick's Day f'Balzunetta

15.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal din il-materja u saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li tittella' din l-attivita'.

15.2 Is-Sindku zied jghid li wara li kien tkellem mas-Sur Kenny Roberts kienu gew diskussi diversi proposti u x'kien ser jinvolvi l-marketing.

15.3 Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li jinholoq kumitat organizzattiv zghir li jitratta din l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

15.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghal dakinhar tal-attivita' tinghalaq Triq il-Konservatorju sabiex l-attivita' tittella' f'Balzunetta. Il-Kunsill qabel.

15.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jipprova jakkwista xi sponsorships tal-birra u possibilment issir ukoll xi kompetizzjoni tal-isbah armar. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra l-proposti kollha.

## 17.0 Fanali Ornamentali fi Triq l-Iljun

17.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li wara li kienu saru xi fanali ornamentali, kien ikun ta' tisbih li kieku l-Kunsill ikompli t-triq kollha bil-fanali ornamentali jigifieri jsiru wkoll il-fanali tal-blokk ta' wara l-Kurja.

17.2 Is-Sindku zied jipproponi li l-Kunsill jinvesti f'fanali ornamentali ghat-toroq dojoq kollha tal-Floriana.

17.3 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandhom jigu ordnati fanali ornamentali godda sabiex titkompla Triq l-Iljun kollha.

17.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jaghmel l-applikazzjonijiet kollha necessarji mal-Enemalta sabiex ikun jista' jigi nstallat dan id-dawl gdid.

## 18.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

18.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li wara l-ftehim li ntlahaq mal-Enemalta, dawn kienu qablu li jwahhlu l-fanali ornamentali kollha neqsin minn Pjazza San Publju bil-kundizzjoni li dawn ma jergghux jinqalghu hlief ghall-eccezzjoni ta' fanal ornamentali wiehed li jitnehha sabiex jintrama l-palk.

18.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jaccetta l-offerta' tal-Enemalta u jadotta procedura fejn kull permess li jinhareg, jinhareg b'kundizzjoni li ma tintmiss l-ebda ghamara tat-triq specjalment il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos.

## 19.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

19.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm hafna interess mill-kmamar tan-nar ghall-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, bi hmistax-il kamra diga jesprimu l-interess taghhom.

19.2 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien iddecieda li jaghti sussidju ta' €450 lil kull kamra tan-nar li tippartecipa izda saqsa jekk il-Kunsill hux ser jaghmel budget ta' kemm ghandu johrog jew jekk hux ser jaghti dan l-ammont lil kull min ikun interessat jiehu sehem.

19.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu din id-decizjoni wara d-data tal-gheluq tal-applikazzjonijiet tal-kmamar tan-nar li jixtiequ jippartecipaw u dan sabiex ikollu informazzjoni konkreta ta' kemm

ser tammonta l-ispiza u ta’ kemm-il kamra tan-nar lesta tippartecipa.

19.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jitkellem ma’ operaturi li jgibu t-turisti Malta u joffrilhom li jinkludu fit-tours taghhom biljetti ghas-seating area ghal dan il-festival. Huwa zied jghid li f’kaz li jkun hemm risposta pozittiva, il-Kunsill ikun jista’ jaghmel dhul minimu li jkopri ftit mill-ispejjez.

19.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-gimgha d-diehla, wara li jaghlqu l-applikazzjonijiet, tissejjah laqgha tas-sotto kumitat tal- Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat sabiex jigu diskussi d-diversi proposti u ideat ghall-edizzjoni li jmiss.

19.6 Is-Sindku Nigel Holland ippropona lis-Sur Chris Micallef sabiex jifforma parti mis- sotto kumitat tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill javvicina lis-Sur Tonio Azzopardi sabiex jerga’ jifforma parti minn dan is-sotto kumitat u dan minhabba li jhoss li s-Sur Azzopardi huwa persuna li jahdem hafna u x-xoghol tieghu isir b’mod impekkabli.

## 20.0 <u>Monti tal-Hadd</u>

20.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-monti li s’issa ghadu jsir fil-lokalita’ tal-Floriana u qal li l-Kunsill ghandu fl-interess tieghu li jsegwi l-ilmenti ta’ dawk li jarmaw fuq il-monti tal-Hadd.

20.2 Is-Sindku Nigel Holland fakkar lil Vici Sindku Matthew Paris sabiex jaghmel kuntatt ma’ individwu li xtaq jitkellem mieghu. Il-Vici Sindku wiegeb li kien ser jikkuntattjah appena jkollu d-dettalji tieghu.

## 21.0 <u>Aggornament tal-Laqgha</u>

21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 19 ta’ Dicembru fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.05.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |